MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 545/2003

**AB**
**Vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni prezentat mill-attrici fit-3 ta' Gunju 2003;

Rat li l-atti gew debitament notifikati lill-konvenut fil-25 ta' Mejju 2005;

Rat li fl-ewwel udjenza li nzammet fil-11 ta' Jannar 2006 wara li gie notifikat il-konvenut, dana deher flimkien ma' l-Avukat tieghu u nforma lil Qorti li ser jipprezenta rikors biex jiggustifika l-kontumacja;

Rat li fis-17 ta' Jannar 2006 il-konvenut ipprezenta ir-rikors li gie guramentat minnu fl-14 ta' l-istess xahar;

Rat ir-risposta ta’ l-attrici;

Ikkunsidrat;

Illi mill-atti jirrizulta li meta l-konvenut finalment gie notifikat bl-atti fil-25 ta’ Mejju 2005 huwa naqas li jipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet fit-terminu preskritt mill-ligi; izda kien deher fl-ewwel udjenza sussegwenti li nzammet fil-11 ta’ Jannar 2006 u nforma lill-Qorti li kien ser jipprezenta rikors biex jiggustifika l-kontumacja tieghu.

Fir-rikors tieghu huwa spjega bil-gurament li huwa kien ta’ nazzjonalita’ Torka, u ghalkemm kien jaf jitkellem bil-Malti, ma kienx jaf jaqra bil-Malti; izda kien jaf jaqra bl-Ingliz. Huwa jghid li meta l-rceva c-citazzjoni kien ta l-karti lil habib tieghu li qallu li kellu l-Qorti fil-11 ta’ Jannar 2006. Jkompli jghid; “dak in-nhar stess meta r-rikorrent wasal il-Qorti huwa cempel lil avukat tieghu u qallu li kellu jidher quddiem din l-Onorabbli Qorti.”

Kif osservat l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza
*Rev.Mikiel Degiovanni vs Doris Cossai*
*[2000][Vol.LXXXIV.II.893]* l-istitut tal-kontumacja huwa bazat fuq il-presuppost illi l-konvenut, bin-nuqqas tieghu were <u>kontumelja u dispett</u> ghas-sejha tal-Qorti, meta huwa gie konvenut….. u hija din id-disubbidjenza animata psikolokament b’ dawk il-fatturi ta’ kontumelja u dispett, li l-ligi trid tirreprimi u tippunixxi, in kwantu kontumacja bhal dik hi element ta’ disordni socjali.

Ghalhekk meta Qorti tigi kkonfrontata b’ kontumacja formali, u ma jkollhiex <u>il-konvinzjoni certa u soda</u> ta’ dan l-aspett negattiv tan-nuqqas tal-konvenut, allura jkun jehtieg ezami ulterjuri tal-fatturi l-ohra necessarji biex dik il-konvinzjoni tigi ffurmata. U hekk titlob ir-raguni guridika ta’ sitwazzjoni fejn il-konenut ser jigi kkundannat fl-assenza ta’ difiza.

Fil-kaz in disamina jirrizulta car li meta l-konvenut irceva c-citazzjoni u l-avviz fil-25 ta’ Mejju 2005 huwa kien wera l-karti lil habib tieghu li nformah li kellu jitla’ l-Qorti, u dan

apparti mill-fatt li l-avviz ghandu fuqu traduzzjoni bl-Ingliz. Ghalhekk ir-rikorrent sa minn dak inhar kien konxju li l-dak li kien irceva kienu atti gudizzjarji u cioe' mibghutin lilu fuq ordni tal-Qorti, u ghalhekk huwa kellu d-dover li, jekk ma setghax jaqrahom hu, kellu jitlob lill-istess habib tieghu sabiex jittraducilu l-kontenut tac-citazzjoni. In-nuqqas li jaghmel dan jimmanifesta non kuranza grossolana da parti tieghu.

Izda f' dan il-kaz din il-Qorti tmur oltre minn hekk, u tosserva li huwa inverosimili ghall-ahhar li r-rikorrent ma kienx jaf bil-kontenut tac-citazzjoni, gja la darba huwa hass li kellu, bl-ghajnuna ta' habib tieghu, jivverifika x' inhuma l-atti li kien irceva; u meta dana qallu li kellu jidher il-Qorti, hija logika l-prezunzjoni li dana indaga u vverifika fuq x'hiex kellu jidher. Izda minflok li mar ghand l-avukat tieghu malli rceva l-atti u sar jaf li kienu gudizzjarji, huwa halla z-zmien jghaddi u fil-11 ta' Jannar 2006, u cioe' seba xhur wara, u dak in-nhar stess li kellu jidher quddiem il-Qorti u meta kien wasal il-Qorti, cempel lill-Avukat tieghu u qallu li kellu jidher il-Qorti.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti tosserva li f' dan il-kaz ir-rikorrent wera non kuranza grossolana li tikwalifika bhala dispett lejn dak ordna mill-Qorti u miktub fl-att tac-citazzjoni, tant li r-rikorrent hass li kellu jhalli seba xhur shah qabel ma jinforma lill-Avukat tieghu, u nformah dak in-nhar stess li hu wasal il-Qorti.

Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li f' dan il-kaz ir-rikorrent ma rnexxielux jiggustifika l-kontumacja tieghu; u ghaldaqstant tichad it-talba tieghu, bl-ispejjez ta dan il-gudizzju a kariku tieghu; u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------